MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru 16/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Alex Mallia**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-19 ta' Lulju 2006 kontra Alex Mallia li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis kontra l-ligi u taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; (2) attakka jew ghamel

rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti; (3) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira Maltin izda kien izjed minn hamsin lira Maltin, u b'dan ukoll li l-hsara saret fi proprjeta` pubblika; u (4) saq *motor car* b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Frar 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Alex Mallia u, wara li l-ewwel Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha u baqa' jtenni l-ammissjoni tieghu, iddikjaratu:

"1. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kinitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

"2. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew

b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

"3. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll li l-hsara saret fi proprjeta' pubblika, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

"4. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, saq motor car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att tal-Akkuza."

Dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa), (3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b), 95, 96, 325(1)(b), 23, u 533 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Alex Mallia ghall-piena komplessiva ta' disa' snin prigunerija b'dan li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, kif ukoll li jhallas multa ta' erbgha u ghoxrin elf Euro (Eur.24,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi tmintax-il (18) xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u tmenin centezmi (€483.88), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u dan wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza;

“Semghet ix-xhieda ta’ Vicky Scicluna, mis-Sedqa, Michael Orlando u tal-Ispettur Norbert Ciappara;

“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Giglio, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

“Li ghalkemm kien sar tentattiv ghall-patteggjament ghall-fini tal-art.453A tal-Kodici Kriminali, l-inqas piena li kien dispost jaccetta l-Avukat Generali kienet dik ta' ghaxar snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef lira Maltin. Dan ma kienx accettabbli ghad-difiza ghal diversi ragunijiet’

“Li l-Qorti kellha taghmel analogija ma’ kazi ohrajn decizi minnha biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u ghalhekk id-difiza ghamlet riferenza specifika ghal diversi kawzi decizi minn din il-Qorti;

“Dan kien kaz ta' darba wahda biss u jirrigwarda d-droga cannabis li, ghalkemm bil-ligi hi trattata bl-istess mod bhal drogi ohra, hu risaput li l-hsara li taghmel hija inqas minn dik ta' sustanzi ohra;

“Li l-purita' tad-droga f' dan il-kaz kienet biss ta' xi 11% u cioe' inqas minn dik li nstabet fil-kawzi l-ohra citati mid-difiza;

“Li l-fedina penali tal-hati ma kinitx wahda refrattarja;

“Li ghalkemm ma kienx applikabbli l-art. 29 tal-Kap.101, il-fatt li l-hati ta certa informazzjoni lill-Ispettur Ciappara kellu jittiehed in konsiderazzjoni;

“Li ghalkemm il-hati kien qed jammetti t-tieni kap, ma setax jinstab hati taht l-artikolu 95 u 96 fl-istess hin u l-fatti aktar jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-art. 95 milli fir-reat ta' attakk u rezistenza;

“Li l-hsara kienet wahda involontarja w mhux volontarja;

“Li l-hati rregistra ammissjoni bikrija wara li gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari tieghu;

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutrici Dr. Nadine Sant li qalet li hawn si trattava ta' aktar minn zewg kilos u nofs cannabis. L-artikolu 29 ma japplikax f'dan il-kaz ghax billi l-hati semma xi ismijiet ta' nies li l-pulizija gja kienu jafu bihom, ma jiswa xejn. Minkejja li l-hati nghata diversi opportunitajiet biex johrog mill-vizzju tieghu ta' *drug dependency*, kif irrizulta mix-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti, dan ukoll ma sewa ghal xejn. Li l-valur fit-triq tad-droga misjuba kien igib mat-LM8000. Saret ukoll riferenza ghal xi kazistika fejn ghal kwantita` ta' droga w ammonti ferm u ferm inqas minn dawk li nstabu ghand il-hati, din il-Qorti erogat piena ta' disa' snin prigunerija fuq ammissjoni. Ghalhekk l-Avukat Generali kien qed jibqa' jinsisti fuq piena minima ta' mhux inqas minn disgha snin f'dan il-kaz;

"Ikkonsidrat;

"Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tmienja w sittin Ewro u sebgha w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

"Qieset li l-hati rregistra ammissjoni qabel ma giet iffurmata l-gurija;

"Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara

**“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”,** Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”,** Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

“Qieset ukoll il-kondotta tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

“Qieset il-fatt li l-hati hu tossiko-dipendenti w li minkejja li ipprova jibda xi programmi ta' riabilitazzjoni, jispicca jerga' jaqa' fil-vizzju, pero` dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hu ebda attenwanti.

“Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat in kwantu l-kwantita` w purita` tad-droga, ir-recidivita` o meno, il-fedina penali, meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w b'mod specjali meta ikun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f'dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` f’sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja.

“Illi ghalkemm il-partijiet iccitaw diversi sentenzi ta' din il-Qorti biex javallaw il-pozizzjoni taghhom dwar il-piena u f'dan ghamlu emfasi fuq xi kazijiet partikolari, din il-Qorti, kif preseduta, fil-waqt li ttenni li kull kaz ghandu fattispecji differenti w partikolari, ppruvat taghmel ezercizzju minuzzjuz biex tikkalibra l-pieni relattivi f'dawn il-kazijiet ta' droga, fejn il-ligi taghtiha diskrezjoni esagerata. Dan l-ezercizzju f'xi kazijiet gie disturbat mill-istess Prosekuzzjoni meta qablet li kellha tinghata piena ferm inqas milli normalment tinghata kif ukoll meta sentenzi taghha gew varjati fir-rigward tal-piena biss minn Qorti superjuri. Ghalhekk xi eccezzjonijiet fl-applikazzjoni ta' piena uniformi ma ghandhomx jittiehdu bhala r-regola generali.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Alex Mallia pprezentat fit-12 ta’ Marzu 2008 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-

sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-reati addebitati kontrih fl-att ta' akkuza u minnu ammessi u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u fejn erogat il-piena msemmija u tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda principalment il-piena, li jqis bhala wahda eccessiva. Taht dan l-aggravju l-appellant jelenka numru ta' lmenti li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

L-appellant jibda biex jghid li wahda mis-sottomissjonijiet tad-difensur tieghu ma gietx riprodotta bi precizjoni fis-sentenza. Jghid illi fil-parti tas-sentenza fejn gew riprodotti s-sottomissjonijiet tad-difiza, senjatament fejn jinghad li "l-inqas piena li kien dispost jaccetta l-Avukat Generali kienet dik ta' ghaxar snin prigunerija", hija mpreciza in kwantu l-inqas piena ta' prigunerija li kien dispost jaccetta l-Avukat Generali kienet dik ta' disa' snin prigunerija, u cioe` l-piena li giet sussegwentement erogata mill-Qorti Kriminali. Skond l-appellant, dan il-fattur, flimkien ma' fatturi ohra, seta' kellu effett fil-kalibrar tal-piena mill-Qorti Kriminali u dan nonostante li jidher li dan l-izball gie rettifikat meta gew riprodotti s-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali.

Dan huwa lment imqanzah u fieragh ghall-ahhar in vista tal-fatt li fis-sentenza stess gie indikat li l-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti fuq piena minima ta' mhux inqas minn disa' snin prigunerija. Ghalhekk jekk gie erronejament indikat fost is-sottomissjonijiet tad-difiza li l-prosekuzzjoni kienet disposta taccetta ghaxar snin prigunerija, dan ma setax jinfluwenza l-kalibrar tal-piena bl-ebda mod.

Kwindi l-ewwel ilment huwa michud.

L-appellant jghid ukoll li huwa car li l-Avukat Generali ghazel li l-appellant jigi ggudikat mill-Qorti Kriminali minhabba l-akkuza fl-ewwel kap, cioe` l-akkuza ta' pussess aggravat tar-raza tal-cannabis. Skond l-appellant, filwaqt illi huwa veru li dan ir-reat gie ekwiparat mil-legislatur mat-traffikar ta' l-istess droga ghall-finijiet ta' piena, fl-istess waqt ma jistax ikun hemm dubju li dan ir-reat huwa wiehed oggettivament inqas gravi minn dak ta' traffikar. Jghid li l-fatt li l-legislatur ma segwiex il-kriterju simili adottat fil-ligi Ingliza – *possession with intent to supply* – juri li oggettivament, ghalkemm fil-ligi Maltija huwa izjed facli li jigi ppruvat ir-reat, fl-istess hin il-pussess hekk imsejjah aggravat huwa reat oggettivament inqas gravi. Filwaqt illi b'din is-sottomissjoni l-appellant jghid li mhuwiex qieghed jipprova jnaqqas mill-gravita` tar-reat *ut sic*, qieghed jaghmel sottomissjoni li fil-fehma tieghu ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena u dan partikolarment minhabba l-fatt li l-kalibrar tal-piena f'kazijiet ta' droga dejjem isir b'paraguni ma' sentenzi ohra. Il-fatt li l-appellant gie akkuzat u misjub hati ta' pussess aggravat u mhux ta' traffikar ma nghatax l-importanza li effettivament kien jisthoqq, u fil-fatt dan il-fattur ma ssemmiex fis-sentenza appellata.

Filwaqt illi x'tghid il-ligi Ingliza huwa rrilevanti ghall-finijiet tal-kaz in ezami, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, fil-ligi Ingliza jista' jkun ferm aktar facli biex jigi ppruvat ir-reat relevanti in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(4A) tal-Misuse of Drugs Act 1971:

"(4A) In any proceedings for an offence under subsection (3) above, if it is proved that the accused had an amount of a controlled drug in his possession which is not less than the prescribed amount, the court or jury must assume that he had the drug in his possession with the intent to supply it as mentioned in subsection (3)."

Fil-ligi taghna ma tezisti l-ebda presunzjoni simili. Issa, il-legislatur in kwantu jirrigwarda l-piena u kif korrettement osserva l-appellant, ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn ir-

reat ta’ traffikar u r-reat ta’ pussess aggravat. Din il-Qorti l-anqas ma tara li ghandha taghmel xi distinzjoni hi. Iz-zewg reati huma reati serji b’dan li fl-ewwel kaz id-droga tkun normalment diga` skambjat l-idejn filwaqt illi fit-tieni kaz dan ikun ghadu ma sehhx. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk, il-kalibrar tal-piena m’ghandux isir billi l-gudikant jipparaguna r-reat wiehed ma’ l-iehor, izda billi jqis fatturi ohra bhal per ezempju l-ammont ta’ droga in kwistjoni, il-purita` taghha, l-eta` tal-hati, ecc. Il-ligi taghti diskrezzjoni kbira (mhux “esagerata”, kif qalet l-ewwel Qorti) ghal dik li hi piena b’rikonoxximent ghall-fatt li f’kawzi tad-drogi c-cirkostanzi jvarjaw konsiderevolment minn kaz ghal kaz.

Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint.

L-appellant ikompli jghid illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha ddikjarat li kienet qed tqis il-piena li nghatat minnha f’kazijiet analogi recentement u dan sabiex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat in kwantu l-kwantita` u purita` tad-droga, ir-recidivita` o meno, il-fedina penali, meta jkun hemm ammissjoni bikrija, u b’mod specjali meta jkun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Skond l-appellant, il-maggor parti ta’ dawn il-fatturi, fosthom il-purita` tad-droga, ma ssemmewx fis-sentenza. Kwantu mbaghad ghall-artikolu 29 tal-Kap. 101, l-appellant ma kkontestax li dan l-artikolu mhuwiex, mil-lat strettament legali, applikabbli. Pero` l-fatt li persuna tkun ghenet lill-Pulizija izda tkun giet anticipata minn xi persuna jew persuni ohra, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrar tal-piena. Fis-sentenza appellata ma sar ebda accenn ghall-fatt li l-appellant kien effettivament ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha, ghalkemm dik l-ghajnuna ftit li xejn kienet effettiva. L-effettivita` ta’ l-ghajnuna, fil-fehma ta’ l-appellant, huwa fattur estraneju ghall-intenzjonijiet tal-hati li m’ghandux jigi pregudikat ingustament u b’mod sproporzjonat minhabba *timing* sfortunat fl-ghajnuna offerta.

Tajjeb hawn li ssir referenza fl-ewwel lok ghal dak li din il-Qorti qalet fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Kandemir Meryem Nilgum et** moghtija fil-25 ta’

Awissu 2005 dwar ir-ragunijiet li jinghataw jew li ghandhom jinghataw f'sentenza:

"… the Criminal Court is not obliged to give <u>detailed</u> reasons explaining either the nature or the *quantum* of the punishment being meted out, or to spell out any mathematical calculations that it may have made in arriving at that *quantum*. Although the determination of the nature and the *quantum* of the punishment is, of its nature, the determination of a question of law – see Sections 436(2) and 662(2) of the Criminal Code – all that is required is that the Court state the facts of which the accused has been found guilty (or, as in the present case, the facts to which he/she has pleaded guilty), quote the relevant provision or provisions of the law creating the offence (which provisions generally also determine the punishment applicable), and state the punishment or other form of disposal of the case. Unless expressly required by law to spell out in detail something else – as for instance is required by Section 21 of the Criminal Code or by the first proviso to subsection (2) of Section 7 of the Probation Act, Cap. 446 – the above would suffice for all intents and purposes of law. The principle *nulla poena sine lege* does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and *quantum* of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the *quantum* of punishment. This is also the position in English Law. As stated in **Blackstone's Criminal Practice 2004** [1]:

**"Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation…It has been held that**

[1] OUP (2003) at p 1546, para. D18.34.

**failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence…although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…"**

"This Court is in full agreement with the principles stated above. Indeed, it is highly recommendable that, when the law provides for a wide margin of discretion in the application of the punishment, reasons, possibly even detailed reasons, be given explaining how and why the court came to a particular conclusion. This is particularly so in drugs cases coming before the Criminal Court where, as in the present case, the punishment of life imprisonment could also have been meted out."

Jigifieri anke jekk l-ewwel Qorti setghet ma semmietx xi fattur minn dawk indikati mill-appellant, dan b'ebda mod ma jinvalida s-sentenza appellata. Apparti minn hekk, minn ezami tas-sentenza, jirrizulta li l-fatturi kollha rilevanti ttiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti, anke l-purita` tad-droga, peress illi fis-sentenza qalet li qieset is-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-appellant, fosthom dwar il-purita` tad-droga. Inoltre, sottomissjoni ohra tad-difiza li "qieset" l-ewwel Qorti kienet dik li "ghalkemm ma kienx applikabbli l-art. 29 tal-Kap. 101, il-fatt li l-hati ta certa informazzjoni lill-Ispettur Ciappara kellu jittiehed in konsiderazzjoni". Il-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma regghetx semmiet dan il-punt ma jfissirx li hija skartatu waqt il-kalibrar tal-piena. Fi kwalunkwe kaz m'hemm l-ebda dubju li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz. Dan huwa evidenti mir-registrazzjoni

tax-xiehda li ta l-Ispettur Norbert Ciappara quddiem l-ewwel Qorti fil-25 ta' Frar 2008, registrazzjoni li din il-Qorti semghet. L-appellant jidher li pprova jghin b'xi mod lill-Ispettur Ciappara fl-investigazzjonijiet tieghu izda ma kienx kapaci jaghraf il-persuna li minghandha huwa xtara d-droga in kwistjoni. Xi ghajnuna li pprova jaghtih dwar *street traffickers* ohra mhijiex rilevanti ghall-finijiet tal-kaz in ezami.

Ghalhekk anke dan l-ilment huwa michud.

L-appellant jilmenta li ma jaqbilx ma' dak li ntqal fis-sentenza appellata li l-fatt li l-hati jkun tossiko-dipendenti u li minkejja li jipprova jibda xi programmi ta' rijabilitazzjoni, jispicca jerga' jaqa' fil-vizzju, ma hu ebda attenwanti. L-appellant jghid li filwaqt li mhuwiex qed jigi sottomess li dan il-fattur ghandu jservi ghal xi mitigazzjoni qawwija fil-piena, fl-istess hin lanqas ma jista' jinghad li din ic-cirkostanza lanqas ma tista' tittiehed in konsiderazzjoni, flimkien ma' fatturi ohra, meta l-Qorti tikkalibra l-piena. Skond l-appellant, jekk dan il-fattur jigi sorvolat minghajr ebda konsiderazzjoni, allura dan ikun ifisser li l-Qorti tkun qed tipprekludi lilha nnifisha li taghmel distinzjoni bejn persuna li tkun fic-cirku tad-droga minhabba l-vizzju taghha u persuna li jkollha l-pussess ta' droga esklussivament ghal skopijiet ta' lukru.

Irid jinghad li l-ligi stess taghmel distinzjoni bejn min hu tossikodipendenti u min mhuwiex. Difatti l-artikolu 22(10) tal-Kap. 101 jipprovdi ghal tnaqqis ta' mhux izjed minn terz mill-piena fejn il-Qorti tkun sodisfatta li persuna misjuba hatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) u fis-subartikolu (2)(b)(i) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tkun tehtieg kura ghar-rijabilitazzjoni taghha mid-dipendenza tad-droga u (a) il-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jiccertifika bil-miktub li dik il-kura tista' tinghata fil-habs u (b) il-persuna misjuba hatja taqbel li toqghod ghal dik il-kura. F'dan il-kaz ma giex invokat fl-ebda istanza dan is-subartikolu, u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-fatt li l-appellant hu tossikodipendenti u li minkejja li pprova jibda xi programmi ta' rijabilitazzjoni jispicca jerga' jaqa' fil-vizzju, mhuwiex xi

attenwanti. B’daqshekk l-ewwel Qorti ma kinitx qed tipprekludi lilha nnifisha milli taghmel d-distinzjoni li jirreferi ghaliha l-appellant, distinzjoni li ma kellhiex ghalfejn issir f’dawn il-proceduri.

Ghalhekk dan l-ilment huwa respint.

L-appellant imbaghad jghid li filwaqt li jidher li l-piena ta’ disa’ snin prigunerija tidher li giet kalibrata principalment fuq l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza, ma sar ebda accenn ghal zball ta’ l-Avukat Generali fit-tieni kap, ghajr riproduzzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difiza fir-rigward. L-appellant josserva illi d-dicitura uzata fit-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza hija dik ta’ l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Nonostante dan, l-Avukat Generali ccita wkoll l-artikolu 95 li jikkontempla reat separat minn dak addebitat lill-appellant. L-appellant jirreferi ghas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li meta jkun hemm diversi reati fl-istess att ta’ akkuza, id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 589 ghandha tithares f’kull kap. Ghalhekk, isostni l-appellant, mhuwiex legalment possibbli li kap ta’ att ta’ akkuza jikkontempla izjed minn reat wiehed. L-appellant jilmenta li nonostante s-sottomissjonijet li ghamel quddiem l-ewwel Qorti f’dar-rigward, dik il-Qorti sabitu hati kemm tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 kif ukoll tar-reat kontemplat fl-artikolu 96.

Issa, kif diga` espost aktar ‘il fuq, l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati, *inter alia*, “talli fid-9 ta’ Marzu, 2005, f’tal-Handaq, limiti ta’ Hal-Qormi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza”. Il-kliem huwa l-kliem testwali ta’ l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Barra minn hekk il-piena mitluba mill-Avukat Generali fit-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza hija dik ta’ prigunerija minn erba’ xhur sa sena, cioe` l-piena prevista fis-subartikolu (a) ta’ l-imsemmi artikolu 96. Huwa minnu li fl-istess kap l-Avukat Generali jiccita l-artikolu 95, u ghamlet l-istess l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, izda

dan ma jfissirx illi l-appellant kien qieghed jinstab hati ukoll taht l-artikolu 95. Id-dikjarazzjoni ta’ htija hija cara u inekwivoka. L-akkuza fit-tieni kap hi wkoll cara u inekwivoka u l-izball ta’ l-Avukat Generali kien li ccita wkoll l-artikolu 95. Tant kien jidher li dan kien zball li l-appellant fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu ma ressaq l-ebda eccezzjoni dwar dan u ssollevah biss meta ammetta flok ghadda guri. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk l-appellant ma sofra l-ebda ingustizzja, u d-dikjarazzjoni ta’ htija ghandha tiftiehem proprju kif giet espressa mill-ewwel Qorti a tenur tat-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza, cioe` dikjarazzjoni ta’ htija taht l-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali.

L-appellant imbaghad, b’referenza ghat-tielet kap ta’ l-att ta’ akkuza, jghid li huwa hallas il-hsara li saret fil-proprjeta` tal-Pulizija u li din il-hsara saret involontarjament. Huwa gibed l-attenzjoni ta’ l-Avukat Generali ghal dan izda dan il-fattur ma giex koncess u ghalhekk gie kostrett jirregistra ammissjoni wkoll ta’ dan ir-reat minuri sabiex ma jitlifx il-beneficcji li tista’ ggib maghha ammissjoni bikrija.

Dan huwa argument futili. Galadarba l-appellant ammetta li kkaguna hsara volontarja, ma setax jigi dikjarat hati ta’ hsara involontarja; u l-ewwel Qorti kellha necessarjament tikkonsidra li l-hsara kienet wahda volontarja. Kwantu ghall-fatt li hallas il-hsara, dan kien maghruf ukoll lill-ewwel Qorti peress illi giet ipprezentata dikjarazzjoni f’das-sens quddiem dik il-Qorti (Dok. B a fol. 62 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali). B’hekk dan l-ilment huwa respint.

L-appellant jissottometti illi huwa konsapevoli tal-fatt li fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Pero` f’dan il-kaz huwa kien, flimkien ma’ l-Avukat Generali, diga` ppatteggja l-piena li giet effettivament erogata mill-Qorti Kriminali. Huwa appella peress illi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, hass li l-piena kienet eccessiva.

Issa, m'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-ligi peress illi l-piena massima hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Barra minn hekk ir-ragunijiet moghtija mill-appellant sabiex ikun hemm temperament fil-piena kollha gew michuda minn din il-Qorti. Din il-Qorti, in vista ta' sottomissjoni li saret mid-difiza quddiem l-ewwel Qorti, u riportata fis-sentenza appellata, dwar d-droga cannabis li "l-hsara li taghmel hija inqas minn dik ta' sustanzi ohra", tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti** moghtija fit-22 ta' April 2004 b'referenza wkoll ghal sentenza ohra taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta** ta' l-4 ta' Dicembru 2003:

**"Bhalma din il-Qorti sostniet f'dik il-kawza, il-ligi taghna ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn medicina perikoluza u ohra u l-margini ta' piena hi l-istess ghall-medicini perikoluzi kollha. Ghall-finijet ta' piena huwa maghruf ukoll li l-Qrati taghna jaghtu konsiderazzjoni ghal aspetti bhalma huma l-kwantita` ta' medicina perikoluza involuta u l-purezza tad-droga in kwistjoni. Galadarba r-raza tal-cannabis hija trattata mil-ligi bl-istess mod bhall-medicini perikoluzi l-ohra, ma jistax jinghad li mhijiex fl-istess klassi ta' drogi ohrajn. Taht is-sistema legali taghna, klassi wahda ta' medicini perikoluzi tezisti fil-Kap 101. Din il-Qorti tirreferi wkoll, kuntrarjament ghall-fehma ta' l-appellant, ghal bosta studji u rapporti li jikkonfermaw il-problemi fizici, mentali, psikologici, medici u socjali assocjati ma' l-uzu tal-cannabis[2]. Jigi osservat ukoll li dan il-kaz ma jirrigwardax ftit grammi izda <u>aktar minn tliet kili</u> ta' sustanza li hija meqjusa wkoll bhala 'a gateway drug'. Ghalhekk 'fuq pjan logiku u ta' ekwita`'**

[2] Ara fost ohrajn: Artikolu fil-*British Journal of Psychiatry (2004), 184, p. 110 sa 117* intitolat *Causal association between cannabis and psychosis: examination of the evidence*, Louise Arseneault u ohrajn; Kapitolu fil-ktieb *The Epidemiology of Schizophrenia, Cambridge University Press 2003* intitolat *What is the relationship between substance abuse and schizophrenia*, Murray, Grech, Phillips u Johnson; Rapport tar-*Royal College of Physicians and the Royal College of Psychiatrists* intitolat *Drugs, Dilemmas and Choices, London 2000*; Rapport tal-*American Academy of Pediatrics* intitolat *Marijuana: A continuing Concern for Pediatricians, Pediatrics 1999*; Studju minn Trimboli u Coumarelos intitolat *Cannabis and Crime, New South Wales Bureau of Crime Statistics and Research, Publication No. 41, December 1998*.

**din il-Qorti mhijiex se taghmel id-distinzjoni li l-appellant yppretenda li ghandha ssir; mhijiex se tipprova ddahhal distinzjoni bejn gradi ta' perikolozita` bejn sustanza u ohra."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak kollu li ntqal f'dawk is-sentenzi ghadu applikabbli. U hawn si trattava ta' ghaxar blokki kbar u wahda zghira ta' raza tal-cannabis tal-piz totali ta' 2439.3 grammi. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tilqa' t-talba ta' l-appellant biex timmodera l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra ta' l-appellant, liema konfiska saret a tenur ta' l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 kif citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. L-appellant jghid illi dan is-subartikolu jirreferi ghal "wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A", u li dan is-subartikolu isemmi diversi reati izda mhux ir-reat ta' pussess ta' medicina perikoluza, lanqas fil-forma aggravata. Ghalhekk jissottometti illi l-ewwel Qorti ma setghetx tordna l-konfiska msemmija.

Issa, permezz ta' l-artikolu 38 ta' l-Att XXXI tas-sena 2007 gie mizjud paragrafu iehor fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A tal-Kap. 101 u li jaqra hekk:

**"(e) tkun hatja tar-reat ta' pussess ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati."**

Jigifieri l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 illum jirreferi anke ghas-sitwazzjoni kontemplata fl-imsemmi paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A. Il-kaz in ezami jirrisali ghal Marzu 2005 u ghalhekk l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern. B'hekk ma setghetx tigi ordnata l-konfiska wkoll tal-flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra ta' l-appellant skond l-imsemmi artikolu 22(3A)(d).

Fl-ahharnett l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tinkludi l-ispejjez peritali ta’ Godwin Sammut fir-rigward tad-dokument 11 esibit a fol. 183 sa 188 peress li huwa dokument redatt minn xhud ordinarju u mhux perit norminat mill-Qorti. F’dar-rigward l-appellant irrefera ghas-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta’ Ottubru 2007 fuq appell ta’ l-Avukat Generali minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2007. Fis-sentenza taghha din il-Qorti kienet iddecidiet li d-deposizzjonijiet ta’ Godwin Sammut quddiem il-Qorti Istruttorja fl-udjenza ta’ l-20 ta’ Ottubru 2005 a fol. 162 u 163 u fl-udjenza tat-22 ta’ Mejju 2006 a fol. 181 u 182 kif ukoll id-dokument minnu esibit (fol. 183 sa 188) huma “ammissibbli skond il-ligi u li tista’ ssir referenza ghalihom skond il-ligi, b’dan pero` li dawn ghandhom f’kull kaz jitqiesu bhala d-deposizzjonijiet ta’, u dokument redatt minn, xhud ordinarju u mhux minn perit nominat mill-Qorti.” Dan ifisser li fis-somma ta’ erba’ mija u tlieta u tmenin euro u tmienja u tmenin centezmu (Euro 483.88) ma jridux ikunu inkluzi l-ispejjez relattivi ghad-dokument imsemmi.

Minn verifiki li ghamlet din il-Qorti rrizultalha li mhux talli fl-imsemmija somma ma hemmx inkluzi l-ispejjez dwar id-dokument a fol. 183 sa 188, talli l-anqas ma gew inkluzi l-ispejjez dwar ir-relazzjoni li huwa esebixxa fis-17 ta’ Mejju 2005 (Dok. 6 a fol. 58 sa 112). L-ispejez peritali fil-fatt huma maghmulin kif ser jinghad:

Relazzjoni ta’ P.S. 1261 Charles Pace Lm 21.48

Relazzjoni ta’ P.S. 659 Jeffrey Hughes Lm 89.00

Relazzjoni ta’ Dr. Mario Scerri Lm 50.25

Relazzjoni ta’ P.C. 1525 Patrick Farrugia Lm 47.00

----------------

Lm207.73

Dawn huma ekwivalenti ghal erba' mija tlieta u tmenin euro u tmienja u tmenin centezmu (Euro 483.88).

Kwindi anke dan l-ahhar ilment huwa respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra ta' l-appellant, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u b'hekk tiddisponi mill-appell interpost.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------